MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 96/2010

**Public Broadcasting Services Limited**

**vs**

**Borg Cini & Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` ntimata ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmu, (€5,843.95) rapprezentanti bilanc fuq ammont dovut ghal servizzi rezi lilha, flimkien ma' l-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta' din il-procedura kontriha li minn issa qed tigi ngurna sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex is-socjeta` ntimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` ntimata naqset u ma dehritx, la fis-16 ta' Frar tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti tikkonferma bil-gurament li s-socjeta` ntimata ghadha debitrici fil-konfront taghha ghall-ammont fuq gia ndikat;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` ntimata Borg Cini & Company Limited sabiex thallas is-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u disa' u hamsin centezmu, (€5,843.95), lis-socjeta` rikorrenti Public Broadcasting Services Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra s-socjeta` ntimata Borg Cini & Company Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------